# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgħa il Cbira u il gimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IL 21 TA OTTUBRU, 1913. NRU. 87.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħhom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*
*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Cliem tad-deheb.
### IV.
## Nibcu għandna u mhux nidħcu.

Billi chiecu ngħid li haŭn il għacs għax haŭn il ħażen, xejn ma incun għedt ħaġa barra minn lôcha, u ankas ħaġa li iddaħħac in-nies. Ngħidu, kabel xejn, għal li hu daħc.

Biex tidħac ma trid xejn. Chemm iċċarrat tiċrita ħalkec, tfettaħ tfettiħa ŭiċċec, tfakka żeŭġ għajtiet jeŭ iżjed... u tcun kiegħed tidħac. Imma, bid-daħc la jinkered u la jinħeba is-seŭŭa. Ankas id-daħc ma ibażża jeŭ iraġġa l'ura il castighi t'Alla. Coss, minn haŭl id-dinja chienu jinsabu minn daŭc in-nies li mita issemmilhom b'castighi t'Alla, jibdgħu jidħcu, u jiddieħcu b'min jemmen bihom u jibża minnhom. Għadna, seŭ-seŭŭa, chif semmejna id-Dilluvju Universali. Noè, mal cmand li taħ Alla, dlonc bida jaħdem l'Arca; dâm jaħdimha 120 sena; u ma tûl dan iż-żmien collu, ma għamilx, ħlief jaħdem u ŭiddeb in-nies, biex jifthu għajnejhom, jicconvertu lejn Alla, jekfu mil ħażen, jagħmlu penitenza, biex itaffu il killa tal ħakk t'Alla, li chien sejjer igħarrak id-dinja bid-Dilluvju. Imma, sata jippriedca u iħanbak Noè; għaliex cullħadd kabad jiddieħec biħ; bedgħu igħadduħ ta miġnun: igħidu li hu xiħ żmagat, li chien kiegħed jitlef u jiddelirja. U fid-daħc u fil ħażen iż-żmien għaddej. Ŭara mija u għoxrin sena, l'Arca tlestiet; u daŭc actar jidħcu, jaraŭ li għadda dac iż-żmien collu, u id-dilluvju, li ħabbar Noè, ma ŭasalx. U fuk li tlestiet l'Arca, Alla ħallielhom seba' ti jem oħra żmien, biex ibiddlu ħajjithom. U daŭc jiddieħcu. U compleŭ actar jidħcu, mita raŭ lil Noè, flimchien mal familja tiegħu, jinġabar geŭŭa l'Arca, u fiha idaħħal l'annimali u il proviżjon. U ix-xita bdiet; u daŭc għadhom jidħcu. U tafu xejn mita spiċċa id-daħc, u bida il biża, u il bichi, u ix-xhir? Mita, jisbaħ u jidlam, u il granet għaddejjin ŭaħda ŭara l'oħra, u ix-xita mux talli ma hemmx li teħda, imma actar tiżdied, actar titkaŭŭa; u l'ilma dejjem jogħla, jimraħ ma cullimchien, sa chemm biddel id-dinja f'baħar ŭieħed, li għatta u għadda fil għoli l'ogħla muntanji. Haŭn spiċċa id-daħc; bida il bichi u ix-xhir, li, imbagħad, tbiddel f'ħemda cbira. Chienet il ħemda tal meŭt, tal kirda tal bniedmin collha.

Gesù Cristu, fl'Evangelju (*S. Luka, 6. 25.*), igħid daŭn il chelmiet: «Għaj għalicom, intom, li issa tidħcu; għax il-kuddiem għad tibcu u tixhru.» Daŭn il chelmiet fil fomm ta Gesù Cristu ifissru u jiżnu ŭisk. Dic il chelma *għaj*, tfisser thedid ta cbar castighi. Bosta drabi Gesù hedded biha din il chelma. Fost l'oħrajn, insibu li kalha lill li Scribi u lill Fariżej, nies mimlija bil għira u bil mibegħda contra tiegħu, li ma bakax x'ma għamlux, biex jiscreditaŭħ man-nies u ifixclu it-tagħlim tiegħu; kalgħu klajja l'actar ħorox fuku, biex ibagħduħ ma cullħadd; u bil għaŭi u bitnassis xeŭŭxu il poplu contra tiegħu; u sa fl'aħħar irnexxielhom iġagħluħ ibati dic it-tbatija u dic il meŭt fuk is-Salib. Gesù din il chelma *għaj* kalha lill Ġuda it-traditur, li, bi ftit tal flus, biegħu; u, bil beŭsa ŭaħxija, taħ f'idejn l'għedeŭŭa għall meŭt. Di'l chelma *għaj* Gesù kalha u għadu igħidha, lil daŭc li jieħdu l'incargu biex jagħmlu in-nies għall'Infern; jigifieri għall li Scandalużi, li is-sengħa taħhom hi dic li jisirku l'erŭieħ ll'Alla u imorru jictbuhom b'suldati fl'esercitu tad-Demonju. U frattant jidħcu bil castighi, li Alla jibgħatilhom!

Għaj għalicom, intom, li issa, li għadcom f'din id-dinja, tidħcu. Chemm għad tibcu u tibcu għal-dejjem fid-dinja l'oħra!

Bħalma kâl ŭieħed għaref, tidħac bla ma icolloc għaliex tidħac, din ix-xorta ta daħc ma issibhiex ħlief f'ħalk il boloħ. Issa, ngħid jena: Jecc hu iblaħ min jidħac bla ma icollu għaliex jidħac, chemm u chemm hu actar iblaħ min jidħac fil ŭakt li icollu għaliex jibchi!

(*Jissocta*) A. S.

## Tifsir fuk il Ġubleû.

Il Cnisja ta Gesù Cristu f'din is-sena marret tħabbar lill'uliedha collha imxerrda mad-dinja, il Ġubleŭ imkaddes. F'din is-sena tal Ġubleŭ il Cnisja riedet tiftaħ it-teżori spiritŭali taħha, tkassam il gid lill'erŭieħ u mil kaŭŭa collha li fdalha f'idejha Gesù Cristu, hi riedet li l'insara collha jieħdu sehem. Anche Alla stess, fiż-żmien tal Ġubleŭ jiftaħ it-teżori tal Ħniena tiegħu, u ikassam fuk il bniedmin il grazzi tiegħu, għaliex bosta drabi nakraŭ illi inkalgħu mis-sema tant grazzi diffiċli illi ma hux soltu jinkalgħu fi żmenijet oħra. Minn dan naraŭ illi cull nisrani għandu japprofitta ruħu minn dan iż-żmien tal Ġubleŭ, u ma għandux icun haŭn ruħ li ma tagħmilx dan il Ġubleŭ. — Jena naf illi il Ġubleŭ ma hux obbligu, illi għandna nagħmluħ bil-fors bħalma huma l' obblighi l'oħra, ankas ma jagħmel dnub minn ma jagħmlux, imma hu ŭisk jinħtieġ u jagħmel gid cbir fir-ruħ tagħna. Ŭisk jixrak, immela, illi issa kabel xejn ma jispiċċa iż-żmien tal Ġubleŭ, biex ŭieħed jagħmlu seŭŭa jitgħallem it-tifsir tiegħu, icun jaf x'in hu dan il Ġubleŭ, għal fejn isir, chif għandu isir, x'gid nieħdu minnu u ħŭejjeġ bħal daŭn.

La titteneŭx li jena sejjer ngħid collox fuk il Ġubleŭ, għaliex katt ma nispiċċa u forsi indejjakcom, imma ngħid biss il ħŭejjeġ l' actar importanti, u biex ictar icun jogħġobcom it-tifsir tiegħu, jena ingibulcom taħt forma ta DIALOGU (*taħdita bejn tnejn*), jigifieri mistoksijet u tŭiegib bejn *Penitent* u il *Confessur* tiegħu.

*Penitent.* Sur Patri, smajthom igħidu illi aħna ninsabu fi żmien il Ġubleŭ imkaddes. Kalu li il Papa ordnaħ mad-dinja collha u l'Iskof tagħna ordnaħ għall Malta. Xtakt li insaksic xi ħaġa fuku. Għidli nitolboc chif bida il Ġubleŭ.

*Confessur.* Ibni, il Ġubleŭ ma hux ħaġa ġdida ivventata mil Cnisja imkaddsa, imma il Ġubleŭ hu antic minn kabel ma chienet teżisti il Cnisja, għaliex insibuħ saħansitra fil ligi

l'antica. Alla stess chien dac li mar inventah l'eŭŭel darba. Isma chif mar jitchellem mal Patriarca Mosè fuk il muntanja Sinaj: Itchellem, kallu, mat-tfal ta Israel; u għidilhom illi meta jidħlu fl'art imŭegħda, l'art għandha tistrieħ ad unur tas-Sinjur Alla. Għodd seba' gimgħat ta snin, jigifieri seba' snin għal seba' darbiet, li jagħmlu b'collox disa' u erbgħin sena. Fil 10 tas-seba' xahar, fi żmien tal maħfra, dokk it-trumbetta mal pajjiż collu. Ħares is-sena 50; u ħabbar ma cullimchien il maħfra il għaliex dic is-sena tal Ġubleŭ. U ŭara li Alla ordna il Ġubleŭ lill Mosè, kallu liema gid u privileġġi jacqŭista minnu il Poplu Lhudi. Minn dan naraŭ li il Ġubleŭ inventaħ Alla stess fil Ligi l'Antica, illi chellu jigi imħabbar per mezz tat-trumbetti, illi chellu isir cull 50 sena u li fiħ chellha tigi mogħtija il maħfra; mhux biss, imma ucoll fi żmien il Ġubleŭ il Poplu Lhudi chellu ħafna privileġġi, għaliex f' dan iż-żmien ir-rsiera chienu jieħdu il libertà, il prigjunieri chienu joħorġu mil ħabs jeŭ inakksulhom iż-żmien li icollhom jagħmlu, cullħadd jati carità scond ma jista', cullħadd igħin il xulxin, saħansitra l'art, għalavolja ma tcunx maħduma, fi żmien il Ġubleŭ chienet tati il frott taħħa; għalhecc insibŭ mictub illi hieni hu dac il bniedem illi igħix fiż-żmien tal Ġubleŭ.

*Pen.* Nitolboc tgħidli, Sur Patri, xi tfisser dina il chelma Ġubleŭ?

*Confessur.* Il chelma Ġubleŭ, hi chelma għarbija. Hemm ħafna fehmiet fuk it-tifsir ta din il chelma.—Xi uħud igħidu illi din il chelma gejja mil chelma *jobel* illi tfisser *trumbetta*, għaliex per mezz tat-trumbetta il Ġubleŭ chien jigi imħabbar—oħrajn igħidu illi gejja min *jobal*, li tfisser *maħfra*, *ħelsien*, għaliex fi żmien il Ġubleŭ chienet tintgħata il maħfra. Oħrajn igħidu illi il chelma Ġubleŭ gejja minn *Hobel*, li ifisser ferħ, għaliex fi żmien il Ġubleŭ cullħadd chien jifraħ; għalhecc il chelma *giubilo* bit-taljan tfisser ferħ cbir. Imma għalchemm ma nafux seŭŭa minn liema chelma hi gejja il chelma *Ġubleŭ*, dejjem għandna neħduha bħala chelma għażiża u ta min jivveneraha.

*Pen.* Sur Patri, inti semmejtli il Ġubleŭ tal Lhud, li chienu jagħmlu fil ligi l'antica; nitolboc issa tgħidli fuk il Ġubleŭ tal Insara, li isir fil ligi il ġdida. Il Ġubleŭ tal Insara hu li stess bħall dac li chienu jagħmlu il Lhud fiż-żmienijet taħhom ?

*Confessur.* Jena ma irridecx tħallat il Ġubleŭ tal Lhud mal Ġubleŭ tal Insara. Il Cnisja tagħmel il Ġubleŭ fil ligi il ġdida bħalma chienet tagħmel is-Sinagoga fil ligi il kadima, scond ma kâl Alla lill Mosè, imma xejn ma għandu x' jaksam il Ġubleŭ tal Lhud mal Ġubleŭ tal Insara. Il Ġubleŭ tal Lhud chien actarx jirrigŭarda il gid temporali, il Ġubleŭ tal Insara actarx iirrigŭarda il gid spiritŭali. Jecc fil Ġubleŭ tal Lhud cullħadd chien jarġa jacqŭista il gid, il proprietà li icunu serkulu, fil Ġubleŭ ta l'Insara cullħadd jarġa jacqŭista il gid spiritŭali, il virtù, il meriti li jisraklu id-dnub mir-ruħ tiegħu. Jecc fil Ġubleŭ ta Lhud ir-rsiera chienu jieħdu il libertà, il prigjunieri chienu jiġu maħlula u meħlusa, hecc ucoll fil Ġubleŭ tal Insara ir-ruħ tigi meħlusa mil jasar tad-demonju u tieħu il libertà kaddisa. Jecc fil Ġubleŭ tal Lhud chienu jinħafru l'offiżi, id-djun; fil Ġubleŭ tal Insara jinħafru id-dnubiet u il pŭieni collha tad-dnubiet, li ma humiex ħlief djun li jorbtuna mal Gjustizzja t'Alla. Jecc fil Ġubleŭ tal Lhud l'art chienet tati iżjed frott, fil Ġubleŭ tal Insara is-sema jati ictar grazzi. L'effetti tal Ġubleŭ tal Lhud huma materjali mentri tal l'Insara huma spiritŭali.

DUN ANTON VELLA D.D.
( *Jissocta*) *Cappillan ta ħal Luka.*

## IL VESSUVJU.

*(jakbad fuk il għadd 84)*

Meta fetħulu il bieb tal ħadid, ħareġ b'girja cbira u għajjat għajta ta ferħ cbir. Iżda minn f'loc li 'ntafa fuk dac li msejchen martri, ŭakaf, kam fuk sakajħ ta ŭara, gibed nifs kaŭŭi bis-saħħa tal pulmuni tiegħu collha: mbgħad cheċċa cull biża, b'kabża tal għageb li hu tà, sab ruħu mal bieb ta barra, u billi sabu mgħaluk, beda jiġri ma l' anfiteatru collu, isaŭŭat b'dagħdigħa cbira genbejħ b'denbu, u ifittex b'għajnejħ chif jiżgħiċċa minn hemm geŭ. Darbtejn jeŭ tliet darbiet ħabat biex iŭakka il ħajt li chien hemm jifirdu min-nies; imbgħad, bħal ŭieħed li jifhem li cull ma kiegħed jagħmel għal xejn, kata' kalbu, kagħad ġŭejjed, niżżel il criniera u ħeba denbu bejn sakajħ b'turija ta biża u sŭied il kalb, għajjat għajta li tchexchex, għajta ta dieka cbira u raġa daħal jimtedd fil gaġġa tiegħu.

Għal dic l'imġiba, għajta ta râbja ġriet mal anfiteatru collu: dic il gemgħa ta nies faħxin u chiefra iżjed mil bhejjem, riedet titbgħarad, ma riditx tissabbar mingħajr ma tara dic id-dehra ta demm u ta moħkrija li għaliha chienet giet.

—X'ġara katt ?...—bdeŭ igħajjtu daŭc innies ta kattgħani,— irridu naraŭ !... Meŭt għan-nisrani !.....

—X'in'hu dan?...—staksa il Conslu collu mdagħdaħ.—Oħorġu id-durbies mil gaġġa, u għalku il bieba ŭarajħ !

Iżda x'ħin il għassies mar biex jakdi dmiru, instama jidŭi mal arja ħoss tal biża, bħal tgherghir tal baħar fl'akkal tal kaŭma tiegħu, u 'l art theżżet sa minn kiegħha.

Cull min chien hemm sfar bħal lelluxa u ħarsu lejn xulxin. Iżda chienet leħħa ta berka, għaliex ŭara ftit daŭc il chiefra bdeŭ igħajjtu b'saħħithom collha:—In-nisrani għad-durbies, meŭt lin-nisrani ! ... Oħorġu il ljun biex jaħbat għan-nisrani !....

F' dakka ŭaħda, nstama' leħen idamdam ma cullimchien, li kal:—Il ljun ħafirha lin-nisrani, għaliex hu bla ħtija u l' allat tagħna kiegħdin iżommu miegħu. Itfgħu il ħaddieħor u taraŭ chif id-durbies jagħmel għaliħ !

Il gemgħa tan-nies li minn dejjem maddakka tiżfen, infexxet tgħajjat:—Neħħu innisrani għaliex bla ħtija, gibu ħati ieħor għad-durbies !.... Irridu naraŭ id-demm !... Kirda u demm iħammar ma cullimchien !!!...

U hecc chien tabilħakk ! Il kirda u iddemm ŭaslu ! F'dac il ħin, il Conslu ikum bil-ŭiekfa u beda igħajjat bħal miġnun, imŭerŭer bla ma jaf fejn jati rasu.

—Araŭ!... Araŭ!... Ħarsu lejn dic is-sħaba ta duħħan li tiegħla mil ħofra tal Vessuvju, kiegħda titfa sriep ta nar ma cullimchien !

Ŭakgħet ħimda li ma bħalha, li cont tisthajlec f 'makbar.... Id-durbies carab, ŭarajħ compliet it-tigra. Bid-dehen tagħħom, daŭc il bhejjem intebħu cmieni bil kirda li chienet gejja fuk Pompej. Il bhejjem immansaŭ u il bniedmin ħraxu !

Dic is-sħaba li chienet issaŭŭret fuk il Vessuvju, bdiet tinfirex fuk l'anfiteatru u fuk il belt collha: minn ġo fiha beda jaka' rmied u ġamar, li radmu taħthom, f' dakka ta għajn, taħt liżar jicŭi u isŭed, għelieki, ġonna, djar u għorof, nies u bhejjem bil gziez; l'art carbet bħal kalb imdejjka.... Pompej, il makgħad tal ħażen collu, Pompej il chiefra, sfat fix-xejn !

Il Vessuvju f' leħħa ta berka ma ħalliex urajħ ħlief kirda u ħerba fuk Pompej !

Maltin, ma nagħmlux bħal daŭc il boloħ li igħidu *daŭn il ħŭejjeġ isiru għax icollhom isiru.*—Lè, inŭieġbu aħna, daŭn il ħŭejjeġ isiru għax Alla irid li isiru, biex iŭiddibna u jifthilna għajnejna. Mingħajr ir-rieda t'Alla, ma tiċċaklakx l'iċchen ŭerka. Aħna naraŭ dic il ħaġa li minnha joħorġu u isiru ħŭejjeġ tal għageb, u li inixxfuna fîna infusna mingħajr ma naħsbu f' dic l'Id li tmexxihom. F'dac Alla, li ħsieb tiegħu biss hu biż-żejjed biex isicchet u iŭakkaf collox!

GIUS. MICALLEF GOGGI. P.P.

## IL GHASAFAR MEHTIEĠA ŬISK GHALL BIEDJA.

Collħadd ighemghem illi il ktajja cbar tal għasafar li dari chienu jgħaddu, kiegħdin dejjem jonksu minn sena għall'oħra. F'xi pajjiżi jinkerdu l'eluf, u dan mhux għal ħaġ'oħra, ħlief minħabba il ħala u it-tberbîk tan-nisa, li dejjem iridu iżejjnu il cpiepel bir-rîx: u tant hu hecc li xi bnadi tal Amerchi ħafna razez ta għasafar inkerdu għal collox. U barra minn dan hemm ħaġa oħra li iżżîd il kerda tal għasafar; u din hi il ktiegħ tas-siġar, għaliex b'hecc ma icollhomx fejn ibejjtu.

F'coll żmien, ma naksux ligijêt li fittxeŭ ineħħu il caċċa f' dac il ħîn li l'għasafar icunu ibejjtu; u barra minn dan il għorrief ħabircu chemm felħu biex idaħħlu f' moħħ il bniedem illi l'għasafar huma ta ħtieġa cbira. Għalhecc fl'Italja tŭakkfu bosta xriechi biex bit-tħanbîk u il cotba taħħom tonkos xi ftit il kerda tal għasafar, u il bniedem chemm jista' ma jaktax siġar.

( Din il ligi li ħadd ma jista' jekred l'għasafar ilha li saret haŭn Malta; u saret bit-tħabrîc tas-*Società Economico Agraria*. U għal hecc il Gvern, b'*Notificazioni* tal 14 ta Lulju 1911, iŭiddeb taħt piena illi ħadd ma jista' joktol jeŭ jonsob, u la bix-xbiec, u la bit-trabocc, u inkas bit-terrieħa tat-tcarchîr, chif ucoll inkas ma jista' jieħu jeŭ jekred il bejtiet tal għasafar li sejjrin haŭn insemmu:—

Buċakk—bufula—cudiross — pettirross — għasfur tas-siġar aħmar— merill—omm is-subien — rundun — ħuttafa — durrajsa — usinjol— bilbla— żiemel ( *regulus cristatus* )—calandra— żanżarell — ortulan — cardill—ècora—spunsun—apparell —verdun — taż-żebbuġ—trumbettier.)

L'għorrief l'aħjar li sabu illi iŭakkfu xirca tat-tfal, bħalma tinsab f 'belt tal Italja ( *Collesanu*).

Din ix-xirca għamlet gîd cbir, għaliex fejn dari it-tfal chienu jirŭinaŭ coll-fejn isibu bejtiet cbar tal għasafar, issa kiegħdin jibżgħu għalihom bosta.

B'daŭn iż-żeŭġ chelmiet jena irrid ngħid xi ħaġa fuk chemm il għasafar jisfaŭ ta gîd għall biedja.

Collħadd jaf illi id-dûd igħin ħafna biex jekred il ħajja tas-siġar u tax-xtieli; u bosta drabi il bniedem ma jilħakx biex itaffi dan id-deni collu; u fejn dan ma jistax isîr hemm il għajnuna tal għasafar. Id-deni li jagħmel id-dûd hu cbir, għaliex dan ibîd l'eluf fis-sena; u dan id-dûd biex igħix irid jiecol, u sabiex jiecol ma jagħmelx ħaġ'oħra ħlief idur u jimraħ fuk is-siġar u ix-xtieli, u iħassarhom bis-semm u il bajd li jitfa' fukhom.

Biss nista' nsemmi dan: illi il ġradijêt, f'xi nħaŭi ta Skallija, għamlu ħsara lil ŭieħed sinjur, ta għoxrin elf franc ( *igibu is-somma ta tmin mit lira sterlina* ).

Għaldakstant jaħtieġ, biex ngħid hecc, li nagħmlu ħbieb mal għasafar. Coll għasfur jekred fi staġun eluf u eluf ta bajd u ta dûd : u Glogèr kâl li certu għasfur ċchej-

chen jista' jekred f'sena seba' t'elef bajda tad-dûd; u Tread Well ighid li pettirros jilhak jiecol 70 duda f'jum.

Il cocca, il barbaġann, iċ-ċaŭlun, l'usinjol, ir-rondun, li stornell u oħrajn bħal daŭn, huma ta għajnuna cbira, biex ŭieħed isalva ir-raba mit-taħsir.

Għalhecc chellu raġun Federic Tschudi ighid li l'għasafar huma l'acbar ħbieb tal bniedem, u iheġġeġ lil collħadd biex jibża' għalihom u jgħożżhom. U b'dan collu il bniedem ma jagħmelx għajr ifittex jekred l'għasafar, u minn dakkiet għal xejn b'xejn, chiesaħ u biered.

L'għasfur tal bejt, maż-żrieraħ u il frott li jiecol, jibla' u jekred ħafna dûd, li xi uħud ighidu li, fi ħmistax il ġurnata, itemm 1500 dudu: u jecc ŭieħed jokgħod jaħseb chemm ftit kamħ u tîn jiecol, jara li dana ma hu xejn ħada il gîd li jagħmel.

Li stess ħaġa ŭieħed jista' ighid mil ħamiem u il gamiem, li mal ftit taż-żrieraħ li inakkru jekirdu ħafna dûd.

Dun Giużepp Farrugia,
*Cappillan ta li Sptar Connaught.*

## Ma dûarna.

—Niżżu-ħajr bil kalb collha:

lill Commendatur Fonsu Galea, li bagħtilna in-Numru 130 tal *Mogħdija taż-Żmien*, li, fost ħafna ħŭejjeġ oħra sbieħ u tal fejda, fiħ it-taħdita li chien għamel fil *Culleġġ Flores*, kuddiem bosta letterati, is-Sur Calleja, tal Argiel, fuk *Chif il għerf tal Kanagħnin tnissel fil Grieghi*—taħdita li conna tchellimna fukha fit-tûl mita saret;

lis-*Società ta San Vincenz de Paoli*— fergħa ta Bormla—li bagħtitilna l'aħbar ta *fiera cbira* li bi ħsiebha tagħmel f'dicembru li gej—din l'aħbar ingibuha collha chif in hi f'xi ħarġa oħra tal *Habib*, għax għad għandna ħafna żmien u actar ma igedded it-tifchira fil krib icun aħjar;

lis-Sinjuri *Andolfo & Magro*, li għandhom l'Agenzija haŭn il Belt, strada Zecca, numru 40q., talli bagħtulna l'eŭŭel żeŭġ faxxicoli ta li *Storia ta Malta u Ghaudex*, mictuba mis-Sur G. Faure.

—Hadna pjacir u tgħaxxakna bit-tfal, cbar u żgħar, bniet u subien, ta li *Scôla Umbertu*, mita, nhar l'erbgħa, fit-8, rajnihom jisimgħu il kuddiesa u jitkarbnu fis-Santŭarju tal Carmnu, taħt għajnejn id-Direttur taħhom. Imbagħd, chellhom żjara tal Eccellentissimu Monsinjur Iskof Portelli, li bierchilhom li Scôla.

## Minn gimgħa għal oħra

*10 ta Ottubru.* Ilbieraħ, għal ħabta taddisgħa u nofs ta filgħaxija, żagħżugħ spara fuk xbejba chif niżlet mit-Tramm ta Birchircara. Ighidu li chien mgħarras magħha u telkitu. Taha żeŭġ tiri; bl'eŭŭel tajjrilha saba minn idha, li chienet tellgħet biex tilka ittir, u bit-tieni feriha taħt spallitha ix-xellughija. Nġabru ħafna nies ma dŭarha u hi tocrob bl'ugiegħ, sachemm ŭara ftit geŭ it-tabib u'l Pulizja u ħaduha f'darha. Laħak mbagħad il Magistrat biex jieħu ix-xhieda tagħha. Il fatt gieb ħasra cbira f'collħadd u ma tismgħax ħlief min jitchellem fuk dic l'imsejcna xebba ltima mil missier u mil omm. Alla ifejjakha u jati is-sabar u'l faraġ lil niesha u lil nies dac iż-żagħżugħ, li huma mil aħjar nies ta pajjisna.

*11 ta Ottubru.* Ilbieraħ, għal ħabta tassebgħa u nofs ta filgħaxija, f'rocna mŭarrba u mudlama, f'cherrejja il belt, raġgħu sabu tarbija oħra, għadha chemm titŭieled. Din id-darba chienet ħajja; għammduha u'l Pulizija ġabritha l'Isptar. Għal bniedem bla kalb ma nsibux chelma li tokogħdlu aħjar minn dic ta *annimal*. Imma m'hux biżżejjed. L'annimal, kabel ma icun rabbihom li icunu jistgħu igħixu għalihom, ma jitlakhomx l'uliedu u icarcar demmu u iħalli ħajtu għalihom. Iva, l'omm li ma tigihiex tkila li titlak id-demm ta demmha, isir li isir minn binha, hija agħar mil agħar annimal u ebda isem, ebda chelma ma tista tokgħod lil da'l *mostru* ta omm, li tagħmel għajb, mux biss lil bniedmin, imma lil annimali ucoll.

—K'ed jinkala, għal gieħna, ħafna ħmieġ fuk il *canzonettisti*, li mleŭ u nittnu Malta. Il Gvern Taljan chixef bis-suk li chien kiegħed isir ta daŭn li xkakef minn Genova għal Malta, u m'hux beħsiebu donnu iħalli il bicca tgħaddi lixxa. Ġa arresta lil certa ŭaħda De Giorgio, li mil ittri li sabulha iddar, tidher li chienet il percimes ta da 't-trafficu mokżież, kabbad lil Conslu tiegħu haŭn biex jitchixxiflu u bagħat *protesta* Londra. X'għajb għal isem ta Malta! Nittamaŭ li il Gvern tagħna jagħmel minn collox biex jarfa gieħ il gżira, u li il Pulizja tcun actar rkika għalli gej. Ilu isir it-tgemgħim minn nies seŭŭa u fuk il ġurnali. Għaliex it-tajjeb m'għandux icun mismugħ u'l ħażin mrażżan?

*12 ta Ottubru.* Is-sinjurina Ġannina Azzopardi, li chien sparalha l'għarus, għaddiet għal aħjar, u't-tobba, fix-xhieda li għamlu illum il Korti, kalu li huma ma jaktgħux kalbhom minnha. Jalla tfiek chif jixtiek coll ħadd!

*15 ta Ottubru.* Dalgħodu l'Iskof Portelli mar ibierec l' Iscola tat-Taljani Umberto I. Chien hemm jilkgħugħ id-Direttur, is-Sur Carlu Borg, bis-Surmastrijet u't-tfal, ma dŭar 150. Ŭara il benedizjoni ŭieħed mit-tfal kara indirizz lill Mons. Portelli, li daħal u ħareġ kalb iċ-ċapcip tal ferħ.

*16 ta Ottobru.* Ilbieraħ għamlet xita bil kliel, li damet nieżla minn-nofs-siegħa saħansitra is-seba ta filgħaxija. Ŭara dic ta nhar San Nicola, li iiha 40 sena, ma jiftacrux xita akŭa minn dic ta lbieraħ. Il *Pluviometri*, li ikisu ix-xita li tinżel, issenjalaŭ ilbieraħ ħdax il pulzier u nofs, jigifieri innofs tal ilma li bejn ŭieħed u ieħor jagħmel haŭn ma tul sena. Ŭara it-talb li ħareġ l'Iskof għax-xita, chien ta min ighid: *Troppa grazia Sant'Antonio*!

—Il President Sir Carbone, li chien ħareġ bil pjazza, ŭara nofs-in-nhar għamlulu il Vjatcu. Imma niżżu-ħajr l'Alla għadda għal aħjar.

—Ġanni Bugeja, bin Spiru, tifel ta tnax il sena, ilu niekes mid-dar disa tijem, u għal chemm tfittxija għamlet il Pulizija għadha ma sabitux. (*)

—Ilbieraħ, is-Sinjura Żeż, mart it-tabib is-Sur Laŭrenzu Ellul, hija u tielgħa fuk il Lanċa fil port il cbir, mħabba iċ-ċaklik, ŭakgħet il baħar bejn il pont u 'l Lanċa. Minnufiħ Ŭistin Aqŭilina, ŭieħed minn nies tal Lanci, u Ġanni Agius, barclor, kabżu il baħar u mgħejjunin minn Michiel Sammut tellgħuha ġo dgħajsa. Satgħet tcun bi cbira għas-Sinjura Żeż, għaliex satgħet tgħaffget bejn il pont u 'l Lanċa, u ħajjitha tafha lil daŭc it-tlieta kalbienin. Icun hemm min jaħseb fihom?

Il Habbâr.

(*) It-tifel, fl'aħħar, insab *San Giorġ*, fejn chien poġġa ma xi nies ta ma dŭar is-Suldati.

Id-Direzzjoni.

Mil Lucerna tal Hajja.—78. M'intix ta Cristu, jecc inti lest biex tagħmel dnub mejjet ħalli ma titlifx ħajjtec, gieħec jeŭ gidec.

### Unjoni Cattolica «San Giuseppe».
PALAZZ CARAFFA.

Nhar il ħadd li gej, fil 10 u nofs ta filgħodu, *Seduta Generali* (Lakgħa ta cull-ħadd). L'Imsieħba mitlubin ma jonksux.

Is-Segretarju.

## ŻEŬĠ KARGĦAT U ŻRINĠ

Il Ŭied tax-xita, darba,
Chien sâk chemm sâb ħamrija,
L'għelieki collha ħarbat
Bi xtieli u frott mimlija.

Mal ilma ke'd jigħerbeb
Għaddej minn ġol ŭidien,
Chien hemm żeŭġ kargħat miexja,
Tal għalka żeŭġ girien.

Ŭaħda minn daŭna, bakgħet
Fuk l'ilma ġmielha iżżiġġ,
U l'oħra tielgħa u nieżla
Mal kieħ, in-nofs u il ŭiċċ.

X'ħin l'eŭŭel ŭaħda ntebħet
Li kiegħda aħjar mil ġara,
Intefħet biha nfisha,
Bdiet żgħira l'oħra tara.

U biex tintefaħ actar
Kaltilha: "X'inti bieżla!
Għaliex ma għandecx sabar
U fl'ilma tielgħa u nieżla?..

Ma tafx iżżomm fil għoli
Ruħec chif inżomm jena?....
Narac dakshecc bla ħila,
Inħoss għalic bħal ħniena.

Imm'int tinsab taħt l'ilma,
Ma tista' togħla katt,
Għall ħażen faħxi tiegħec
Miżmuma minn xi Hadd!"

Chien jisma di'l ħaħira
Żrinġ xiħ ta dehen cbir;
Chif sictet, dlonc kalilha
Bi cliem ta cbir ċanfir:

"Oħ! Kargħa, tas-seŭ kargħa,
Turix il frugħa tiegħec
Ma min kiegħec jisimgħec,
Mal ġara li haŭn miegħec:

Taf għala niżlet fl'ilma
U int bkajt ferħana 'żżiġġ?
Għax billi hi bnina għodsot;
U int fiergħa, bkajt fil ŭiċċ!"

Li kâl iż-Żrinġ jagħllimna
Li għandna natu gieħ
Lil min ŭisk iżjed minn'na
Jinħakar minn xortieħ;

Għax minn dakkiet min jogħla
Fuk għajru xi xibrejn,
Min jibka taħtu jisŭa
Li l'ieħor jaf darbtejn.

G. Arena.

## Chitbulna:—

I.

Minn Alussa fis-6 ta Ottubru 1913.

Sur Direttur tal *Habib*,

Ili ħafna biex nictiblec daun l'erba versi biex nuric il contrariu ta dauc l'articoli li geu mil Canada fein ighidu li emm il ghacs; imma biex incun fi zgur ctib lil ħia li jinsab fil Canada mil 1910: ara x'kalli: Mahbub ħia, dauc in-nies li jilmentau mil Canada ghax uma ħafna ghazzinin u ma iridux ħlief jiscru u jilghabu, ħasbu li seirin jigbru il flus bil pala, kliħ aun imma trid tmid ideic ghaxxghol u ma tric tcun ghazzien: ghal daks tant Sur Direttur kieghed tara li dauc li ighidu contra il Canada ma jafux xi nhuma ighidu, pħal dac li kal min ma jafx bl'inglis, ma ghandux ghax imur il Canada, din nargia nghid jen cabbara uisk ghax inghid ghal ħia ma chien jaf l'ebda chelma bl'inglis frattant ilu emm ma duar 3 snin u ma biħsibux jigi malair, u pħal dac li kal ucoll li is-sur Mattei ghamel ħazin li ħa dauc is-70 ragel min Malta; tafx x'naf inghid jen jecc intom li tirmentau mis-sur Mattei ghaliex ma tauhomx ix-xghol lil dauc il ħafna nies li marru; dan raitu jen stess il ghacs li emm f'Malta ghax meta geit ghal Congress li sar f'April li ghadda actar tara tallaba min ħaġa oħra, jaħasra fein chella tasal Malta, irgiel ta 30

